MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 272/2011

**Direttur ta' l-Artijiet**

**vs**

**Raymond Aquilina, Anthony Sammut u Terra Mediterranea Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Raymond Aquilina u ta' Terra Mediterranea Limited datat is-16 ta' Marzu tas-sena 2011, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm elenkati talbu l-hrug ta' kontromandat ghall-mandat fuq indikat, bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Artijiet datata l-5 ta' April tas-sena 2011 li permezz taghha oppona ghat-talba tar-rikorrenti u li l-istess qorti ghandha tiddeciedi wara li jkunu

decizi l-kawzi prezentement pendenti rigward tal-art in dizamina;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn taghmel referenza ghat-talba tal-intimat Direttur fejn jistieden lil din il-qorti tiddeciedi din il-vertenza wara li jkun hemm “ezitu konklussiv ghall-vertenzi li hemm pendenti quddiemha u quddiem Qrati diversament preseduti, fir-rigward tal-art in kwistjoni”;

Illi f’dan ir-rigward ghandu mmedjatament jinghad li ai termini tal-artikolu 836 (4) tal-Kap 12, qorti li tkun kolpita b’vertenza bhal dik odjerna “ghandha tiddeciedi b’urgenza jew in camera jew wara s-smiegh tal-avukati tal-partijiet … izda ma tigix iffissata iktar minn seduta wahda ghal dan il-ghan”;

Illi in effetti jirrizulta li dan ir-regolament gie sorvolat – haga li din il-qorti kif preseduta ma tistax ma tipprovax tirrimedja;

Illi ghalhekk, it-talba sussidjarja tal-intimat tmur lil hemm mir-rigorozita` processwali mposta mill-imsemmi artikolu u konsegwentement qed tichad din it-talba sussidjarja, bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu jidher li hemm diskrepanza bejn il-pozizzjonijiet mehudin mill-partijiet senjatament:

1. Illi r-rikorrenti qed jindikaw porzjon art ta’ zewg (2) t’itmiem maghrufin bhala Kasam Sciakak, kif minnhom indikati fid-Dokument ‘C’ a fol 8 tal-process;

2. Illi l-intimat jidher li qed jiffoka fuq art maghrufa bhala Ta’ Giacondu kif jidher mid-Dokumenti Dok AVM 4

ipprezentat mill-istess intimat Direttur u mill-mandat t'Inibizzjoni 1165/2003;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk tenut kont ukoll li anke mill-istess ittra datata t-22 ta' Mejju tas-sena 2003, (Dok. AVM 4), l-art indikata mir-rikorrenti odjerna gia` kienet f'idejhom bil-konsegwenza li l-procedura odjerna tigi reza superfluwa, ghandu jinghad li effettivament ir-rikorrenti odjerni qed jirreferu ghall-porzjon art ta' zewg (2) t'itmiem maghrufa bhala Kasam Sciakak, filwaqt li l-intimat odjern qed jirreferi ghal porzjon ta' art ta' aktar minn sebat (7) itmiem u maghrufa bhala Ta' Giacondu, (ara rispettivament ukoll fol 7 u 8, u Dok AVM 4, AVM 5, flimkien mad-dokumentazzjoni tal-Mandat t'Inibizzjoni 1165/03);

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi wkoll it-talba principali tal-intimat Direttur, takkolji t-talba tar-rikorrenti ai termini tal-artikoli (1) (b) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna l-hrug tal-opportun kontromandat, bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tal-Artijiet.

_____________________________

Onor Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------